MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 62/2006/1

**John Mary Chircop**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-eccezzjoni ta' rikuza sollevata mill-appellant John Mary Chircop, tramite d-difensuri tieghu l-Avukati Patrick Galea u Michael Tanti-Dougall, fl-udjenza tat-28 ta' Awissu 2007, fir-rigward tal-

President ta’ din il-Qorti. Kif osservat fil-verbal ta’ l-udjenza msemmija, tali eccezzjoni trid tigi deciza minn din il-Qorti kollegjalment in vista ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 738(2)[1] tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**2.** Fl-udjenza msemmija l-appellant Chircop eccepixxa r-rikuza tal-Prim Imhallef u President ta’ din il-Qorti f’dawn it-termini: “…l-appellant jeccepixxi r-rikuza tal-President ta’ din il-Qorti fuq il-bazi li l-President tal-Qorti diga` esprima ruhu fuq il-meritu tal-kawza u din l-eccezzjoni qed tigi bbazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12”. L-abbili difensur ta’ l-appellant, Dott. Patrick Galea, fit-trattazzjoni kompla fisser li din l-eccezzjoni trid tigi ezaminata wkoll fid-dawl ta’ l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu u cioe` li l-procedura quddiem il-Prim Awla “…kienet ivvizjata b’indhil u pressjoni certament insoliti u injoti lill-Qrati taghna li ppregudikat id-dritt ta’ l-esponenti li dan il-process…jinstema’ minn Qorti indipendenti u imparzjali kif garantit fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea…”. Skond l-appellant tali pressjoni “insolita” u “injot[a] lill-Qrati taghna” kienet tikkonsisti f’komukazzjoni li l-Imhallef li kien qed jippresjedi dik il-Qorti irceva mill-President ta’ din il-Qorti fil-kwalita` tieghu ta’ Prim Imhallef (u, possibilment – jinghad possibilment ghax fl-udjenza tat-28 ta’ Awissu d-difensuri ta’ l-appellant ma ghamlu ebda referenza specifika ghal din il-komunikazzjoni l-ohra – f’komunikazzjoni ohra minghand il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in kwantu l-Prim Imhallef huwa l-vici-*chairman* ta’ dak l-organu kostituzzjonali).

**3.** L-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 jipprovdi li “L-imhallef jista’ jigi rrikuzat jew jista’ jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza…jekk ikun ta l-parir tieghu, itratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x’taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha…”.

[1] Mhux 738(1), kif erroneament indikat fil-verbal ta’ l-udjenza tat-28 ta’ Awissu. L-Artikolu 738(2) jipprovdi hekk: “Fil-kazijiet li fihom il-qorti hija kostitwita b’izjed minn imhallef wiehed, l-imhallfin kollha, u fosthom l-imhallef irrikuzat, jiddeciedu fuq l-eccezzjoni tar-rikuza, u meta hemm dubju jekk ir-raguni migjuba ghall-astenzjoni hix tajba jew le, l-imhallfin kollha, fosthom l-imhallef li jkun gieb dik ir-raguni, jiddeciedu fuq ir-raguni ta’ rikuza jew astensjoni.”

Issa hu evidenti li, galadarba skond l-Artikolu 733 tal-Kap. 12 gudikant jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni biss fil-kazijiet espressament imsemmija mil-ligi (***Licari Estates Ltd. v. Kishinchand Mohnani*** – Prim Awla 19/2/2001) jew, al massimu, fejn ikun hemm "gravi ragioni di convenienza" kif imfisser fis-sentenzi ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja*** (Qorti Kriminali, 2/10/2000) u ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr Patrick Vella LL.D.*** (Qorti ta' l-Appell Kriminali, 5/10/2006), l-ewwel kompitu huwa neccessarjament dak li jigi deciz jekk dak li sar – fil-kaz in dizamina il-komunikazzjoni mill-Prim Imhallef (u mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in kwantu huwa jew jista' jkun involut il-Prim Imhallef) – jinkwardax ruhhu fis-sub-paragrafu (i) tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 734 imsemmi, jew, anke jekk ma jinkwadrax, jekk altrimenti hemmx ragunijiet, oggettivament riskontrabbli, li ragjonevolment jaghtu lok ghal suspett fondat dwar l-imparzjalita` tal-gudikant. Huwa evidenti li s-semplici allegazzjoni li xi haga tinkwadra fl-imsemmija disposizzjoni jew li hemm "gravi ragioni di convenienza" ma hix bizzejjed: hekk, per ezempju, is-semplici fatt li gudikant ikun kiteb lil xi hadd u jkun semma f'dik l-ittra kawza pendenti li tkun quddiem gudikant iehor biex, per ezempju, jinfurmah li tezisti dik il-kawza, ma jammontax ghal "kitba dwar il-kawza" fis-sens tad-disposizzjoni msemmija.

**4.** Huwa evidenti daqstant iehor li l-parir, it-tratazzjoni jew il-kitba li tirreferi ghalihom id-disposizzjoni in dizamina jridu jkunu parir, trattazzjoni jew kitba <u>jew</u> fuq il-meritu tal-kawza jew ta' parti mill-kawza, <u>jew</u> li b'xi mod jistghu ragonevolment, anke jekk indirettament, jincidu fuq il-meritu tal-kawza jew ta' parti minnha – u salv dejjem il-parir mitlub u moghti skond ir-regola 14 tal-Kodici ta' l-Etika ghall-Gudikanti[2]. Parir jew kitba – difficilment wiehed jista' jimmagina "trattazzjoni" – li jirreferu ghal materji ta' organizzazzjoni, *management* ta' kawzi ecc.

---

[2] Regola 14: "Il-Gudikanti li jkunu qeghdin jiktbu d-decizjonijiet taghhom jistghu, jekk ihossu l-bzonn li, b'mod akkademiku, jikkonsultaw ma' Gudikant iehor jew Gudikanti ohra biex jottjenu xi kjarifiki dwar xi punt ta' dritt. F'dan il-kaz, izda, jekk jaghmlu hekk, huma ghandhom jaghmlu dan minghajr riferenza ghall-kawza specifika li jkunu qeghdin jiddeciedu."

jezorbitaw kompletament mill-parametri ta’ l-artikolu 734(1)(d)(i). Minn qari, anke superficjali, kemm ta’ l-ittra tal-Prim Imhallef tas-27 ta’ Gunju 2007 kif ukoll dik tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tal-20 ta’ Lulju 2007 huwa evidenti li dawn jirreferu ghal kwistjoni ta’ *management* tal-kawza *de quo* u dan qed jinghad interament bla pregudizzju ghall-meritu involut fl-ewwel aggravju ta’ l-appellant: kulma sar kien li l-Imhallef ta’ l-ewwel grad gie mistieden jikkunsidra li jitratta kawza partikolari bi speditezza mhux tant minhabba l-fatt li kienet kawza kostituzzjonali izda minhabba li r-rikorrent (illum appellant), li kien qed jitlob rimedju kostituzzjonali, kien jinsab inkarcerat minghajr il-possibilita` li jinghata l-helsien mill-arrest galadarba li l-Qorti Rimandanti kienet ordnat li “jinzamm taht kustodja…”. Dan kien ilu gia` arrestat preventivament (kif ghadu arrestat preventivament sal-lum) minn qabel ma l-Qorti Rimandanti tat-is-sentenza taghha fl-14 ta’ Novembru 2006, u, kif fisser id-difensur ta’ l-appellant fl-udjenza tat-28 ta’ Awissu 2007, matul il-proceduri ta’ estradizzjoni l-appellant odjern qatt ma nghata *bail* mill-imsemmija Qorti Rimandanti. Persuna li tkun arrestata preventivament u li tkun ghaddejja kumpilazzjoni ghandha d-dritt titlob li l-posizzjoni taghha in kwantu ghad-detenzjoni tigi riveduta kull hmistax-il gurnata mill-Qorti Istruttorja (meta l-atti jkunu quddiem dik il-Qorti) – ara l-Artikolu 401(1) tal-Kap. 9. Persuna fil-posizzjoni ta’ l-appellant – cioe` meta hemm ordni tal-Qorti Rimandanti sabiex il-persuna “tinzamm taht kustodja” – ma tistax tirrikorri ghal tali *review*; u ghalhekk jekk dik il-persuna tkun intavolat rikors kostituzzjonali fil-Prim Awla, bil-possibilita` li jekk tintlaqa’ t-talba taghha hija tinheles minn dak l-arrest ossia kustodja bhala rimedju, il-Qorti li tkun qed tisma’ dak ir-rikors ghandha titlaq kollox minn idejha u taghti priorita` assoluta lil dik il-kawza, u dan anke jekk r-rikorrent innifsu ma jaghmel xejn biex ihaffef il-proceduri. Arrest preventiv huwa dejjem negazzjoni tal-liberta` ta’ l-individwu, u bilkemm hemm bzonn jinghad li huwa doveruz li gudikant jaghraf l-ezistenza ta’ l-urgenza insita f’kawza fejn hemm persuna arrestata preventivament u li per di piu` ma tistax tinghata l-helsien mill-arrest u li jiddistingwi wkoll, ghall-finijiet ta’ *management*, bejn tali kawza u kawzi ohra.

**5.** Jizdied jinghad, fl-ahharnett, li huwa accettat f'hafna gurisdizzjonijiet, kemm ta' l-Unjonji Ewropea kif ukoll tal-Commonwealth, li wiehed mir-rwoli tal-Prim Imhallef jew tal-President ta' Qrati jew ta' sezzjoni ta' Qorti, huwa dak li jassigura *management* tal-kawzi b'mod generali kemm jista' jkun tajjeb, kompatibbilment, naturalment, mar-rizorsi disponibbli u l-volum tax-xoghol. Dan neccessarjament jimplika li l-persuna f'din il-kariga mhux biss ghandha d-dritt, izda xi mindaqqiet anke l-obbligu, li tigbed l-attenzjoni ta' gudikant biex kawza tigi *fast-tracked* ghal raguni valida. Dan ir-rwol "manigerjali" gie implicitament rikonoxxut illum anke mill-Parlament Malti – ara l-Artikoli 7(3), 11(3)(4)(9)(10), u 29(8) tal-Kap. 12 kif ukoll l-Artikolu 16 ta' l-att VII tal-2007.

**6.** Apparti, mela, li l-ittri (komunikazzjonijiet) in kwistjoni ma jinkwadrawx fl-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12, wiehed irid jara jekk, minkejja dan, hemmx xi cirkostanza, oggettivament riskontrabbli, li taghti lok ghal suspett fondat dwar l-imparzjalita` tal-gudikant li dwaru tirreferi l-eccezzjoni. L-uniku punt li gie sollevat f'dan ir-rigward fil-kors tat-trattazzjoni qasira tat-28 ta' Awissu – u dan il-punt gie sollevat b'mod ferm indirett u vag, u minghajr elucidazzjoni – huwa dak li l-eccezzjoni tar-rikuza trid tigi nkwadrata fid-dawl ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant li qed jilmenta, kif rajna, li kien hemm indhil u pressjoni insoliti u aljeni ghall-Qrati taghna minhabba l-imsemmija komunikazzjonijiet. L-appellant fil-paragrafu 9 tar-rikors ta' appell tieghu, jghid hekk: *"Illi l-esponent jaffronta zewg temi illi inevitabbilment ser iqumu u jigu diskussi. Dawn huma jekk effettivament il-pressjoni fuq il-Qorti kellhiex xi effett u t-tieni jekk l-esponenti effettivament sofriex pregudizzju materjali…"*. F'dan ir-rigward hija proprjament relevanti biss l-ittra tal-Prim Imhallef tas-27 ta' Gunju 2007 ghax, kif gie osservat mill-ewwel Qorti fid-digriet taghha moghti fl-10 ta' Awissu 2007 qabel l-erogazzjoni tas-sentenza appellata, l-ittra tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, ghalkemm datata 20 ta' Lulju 2007, waslet ghand il-gudikant fil-31 ta' Lulju 2007 <u>wara li kien diga` nghata d-digriet ta' l-istess gurnata ghar-rikjam tal-kawza ghall-10 ta' Awissu</u> (mid-data originali tal-

31 ta’ Ottubru)[3]. Issa, ma jistax ikun hemm dubbju li komunikazzjoni li hija fiha nnifisha legittima – bhalma kienet l-ittra tal-Prim Imhallef li tistieden lill-imhallef ta’ l-ewwel grad biex jikkonsidra li jirrikjama l-kawza ghas-sentenza ghal data aktar vicina[4] – jekk kellha effett “negattiv” (biex wiehed juza kelma generika ghal dak kollu li jidher li qed jipprova jghid l-appellant) dan kien mhux minhabba l-komunikazzjoni *per se*, izda minhabba li din giet <u>malintiza mill-ewwel Qorti</u> jew <u>ghax l-ewwel Qorti halliet lilha nnifisha tigi indebitament influwenzata minn dik il-komunikazzjoni</u>. Biex wiehed jiehu ezempju estrem, jekk parti f’kawza tikteb ittra lill-gudikant b’hafna informazzjoni dwar il-meritu tal-kawza li addirittura ma tkunx irrizultat mill-process, il-gudikant ghandu l-obbligu li jipprocedi skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 12 fir-rigward ta’ dik il-komunikazzjoni illegittima; izda fl-istess hin jibqa’ jisma’ l-kawza u ma jhallix lilu nnifsu jigi influwenzat minn dik l-ittra. Fi kliem iehor, anke jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument – u dan hu punt li ghad irid jigi kkunsidrat *funditus* wara li tigi deciza l-pregudizzjali ta’ l-eccezzjoni tar-rikuza u indipendentement minn tali eccezzjoni – il-komunikazzjoni jew komunikazzjonijiet tas-27 ta’ Gunju 2007 u 20 ta’ Lulju 2007 kellhom “xi effett” fuq l-ezitu tal-kawza u tali effett kien “pregudizzjevoli” ghall-appellant, dak li effettivament ikun qed jigi sindakat permezz ta’ l-

---

[3] Jigi osservat a propositu li dana d-digriet inghata wara tlett rikorsi maghmula mill-Avukat Generali biex il-kawza ma tithalliex ghas-sentenza ghal aktar minn sitt xhur wara, cioe` mill-25 ta’ April 2007 – meta l-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom – ghall-31 ta’ Ottubru 2007. Dawn ir-rikorsi kienu: tas-**26 ta’ April 2007** (fol. 44) li gie dekretat fis-**27 ta’ April 2007** mill-ewwel Qorti billi nghad hekk: *“Illi certament illi l-Qorti taf ix-xoghol taghha li ghandha quddiemha u l-mod kif timxi ferm aktar mill-firmatarji. Il-Qorti trid tqis kull kawza bhall-ohrajn. Tichad it-talba.”*; u r-rikorsi tat-**28 ta’ Mejju 2007** (fol. 47) u s-**26 ta’ Gunju 2006** (fol. 49) li t-tnejn gew preliminarjament dekretati fis-**6 ta’ Lulju 2007** f’dawn it-termini: *“Hija l-Qorti li taf ix-xoghol li ghandha u kif tmexxi, u liema kawzi tiddeciedi l-ewwel u m’ghandhiex bzonn ta’ pariri. Tosserva li fil-prezent fix-xahar ta’ Lulju ghandha 15 gurnata ghassa, 9 sentenzi tal-Prim Awla u 4 Kostituzzjonali u mhux proprju mhi qed taghmel xejn. Ghal kull buon fini tordna n-notifika lill-kontroparti bi zmien erbat ijiem ghal risposta.”*; fir-risposta tieghu l-intimat Chircop, appellant odjern, wiegeb – pjuttost sorprendentement – hekk: *“Illi fic-cirkostanzi l-esponent ma jhossx li ghandu b’xi mod jiddisturba u/jew jinterferixxi fl-iskeda impenjattiva ta’ xoghol ta’ din l-Onorabbli Qorti, u kwindi qieghed bl-akbar rispett u b’mod assolut jirrimetti ruhu ghal kwalsiasi decizjoni, ordni, jew digriet li fis-savju u superjuri gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun.”*; dawn iz-zewg digrieti gew imbaghad definittivament dekretati fil-**31 ta’ Lulju 2007** hekk: *“Tosserva li bhalissa okkupata bi kwantita` ta’ digrieti (ta’l-ghassa). Tirrikjama l-kawza biex tkun tista’ tinghata s-sentenza il-Gimgha 10 ta’ Awissu 2007 fid-9.15 am.”*.

[4] Kif ukoll l-ittra tal-Kummissjoni li kienet tissollecita speditezza.

ewwel aggravju ta' l-appellant ma hux l-operat tal-Prim Imhallef, izda l-operat ta' l-Imhallef ta' l-ewwel grad li erroneament ikun halla lilu nnifsu jigi "indebitament" influwenzat fl-ezitu tal-kawza (mhux fl-ispeditezza li biha pproceda). Differenti, naturalment, kien ikun il-kaz li kieku kien l-operat tal-gudikant rikuzat li jkun qed jigi sindakat – ara ***Case of San Leonardo Band Club v. Malta*** ECHR, para. 62-64.

**7.** Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-eccezzjoni tar-rikuza tal-President ta' din il-Qorti, u tordna l-prosegwiment ta' l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------